# Xi jfissru l-iStandards il-ġodda tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani għall-provvedituri?




**Standard 1**

*L-organizzazzjoni għandha:*
*(a) kultura ta' inklużjoni u tirrispetta lill-konsumatur; u*
*(b) tissapportja lill-konsumaturi biex jeżerċitaw l-għażliet u l-indipendenza; u*
*(c) tirrispetta l-privatezza tal-konsumaturi*

**Standard 2**

*L-organizzazzjoni tagħmel assessjament u ippjanar inizjali u kontinwu għall-kura u s-servizzi bi sħab mal-konsumatur. L-assessjament u l-ippjanar jiffokaw fuq l-ottimizzazzjoni tas-saħħa u l-benesseri skont il-bżonnijiet, il-miri u l-preferenzi tal-konsumatur.*

**Standard 3**

*L-organizzazzjoni twassal kura personali, kura klinika, jew it-tnejn, kura personali u kura klinika bla periklu u effettiva, skont il-bżonnijiet, il-miri u l-preferenzi tal-konsumatur biex jottomizzaw is-saħħa u l-benesseri.*

**Standard 4**

*L-organizzazzjoni tipprovdi servizzi u sapport bla periklu u effettivi għall-ħajja ta' kuljum li jottimizzaw l-indipendenza, is-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-konsumatur.*

**Standard 5**

*L-organizzazzjoni tipprovdi ambjent ta' servizz bla periklu u komdu li jippromwovi l-indipendenza, il-funzjoni u l-pjaċir tal-konsumatur.*

**Standard 6**

*L-organizzazzjoni regolarment titlob tagħrif u l-kummenti mingħand il-konsumaturi, il-kerers, il-ħaddiema u oħrajn u tuża dan it-tagħrif u l-kummenti biex tinforma titjib kontinwu għall-konsumaturi individwali u għall-organizzazzjoni kollha.*

**Standard 7**

*L-organizzazzjoni għandha biżżejjed ħaddiema li huma kapaċi u kkwalifikati biex jipprovdu kura u servizzi bla periklu, rispettużi u ta' kwalità.*

**Standard 8**

*Il-korp li jiggverna l-organizzazzjoni huwa responsabbli għat-twassil ta' kura u servizzi bla periklu u ta' kwalità.*

## Tagħrif għall-provvedituri tas-servizzi tal-kura tal-anzjani

Mill-1 ta' Lulju 2019, l-Aged Care Quality and Safety Commission (Il-Kummissjoni tal-Kwalità u tas-Sigurtà tal-Kura tal-Anzjani) tistenna li l-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi tal-kura tal-anzjani fl-Awstralja jkunu konformi mal-iStandards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani. L-iStandards jiffokaw fuq ir-riżultati għall-konsumaturi u jirriflettu l-livell tal-kura u tas-servizzi li l-komunità tista' tistenna. Xi Standards ser japplikaw b'mod differenti għall-organizzazzjonijiet dejjem jiddependi fuq it-tip ta' kura u servizzi pprovduti.

Hemm tmien Standards, u kull wieħed minnhom fih riżultat tal-konsumatur, stejtment tal-organizzazzjoni u numru ta' kundizzjonijiet li jispjegaw fuq fuq dak li int trid turi li l-iStandards intlaħqu.

## Jekk trid aktar tagħrif

Il-materjal tal-gwida ġew imfassla biex jissapportjaw l-organizzazzjonijiet u l-ħaddiema biex jifhmu l-iStandards tal-Kwalità u x'għandu jkun mistenni matul l-assessjament tal-kwalità; jirriflettu l-prattika ta' kuljum u fejn jista' jsir titjib; u jsir reviżjonijiet kontinwi tal-operat skont l-iStandards tal-Kwalità.

Dan il-materjal jiddiskrivi l-aspettattivi tal-Kummissjoni tas-Sigurtà u tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani u jipprovdi tagħrif li jissapportja, prattiki ssuġġeriti kif ukoll, eżempji ta' miżuri ta' azzjoni u provi li juri konformità.

Il-materjal ta' gwida jistgħu jinkisbu fuq il-websajt tal-Kummissjoni:
**agedcarequality.gov.au/providers/standards**


Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission


Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Xi jfissru għalik l-iStandards il-ġodda tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani?

**Standard 1**

***Jien stmat bid-dinjità u bir-rispett, u nista' nżomm l-identità tiegħi. Nista' nagħmel għażliet infurmati dwar l-kura u s-servizzi tiegħi, u ngħix il-ħajja li nagħżel jien.***

**Standard 2**

***Jien nieħu sehem fl-assessjament u l-ippjanar kontinwu li jgħinuni nirċievi l-kura u s-servizzi li neħtieġ għall-saħħti u l-benesseri tiegħi.***

**Standard 3**

***Jien nirċievi kura personali, kura klinika u kemm kura personali u kura klinika, li huma bla periklu u xierqa għalija.***

**Standard 4**

***Jien nirċievi s-servizzi u s-sapport għall-ħajja ta' kuljum li huma importanti għal saħħti u l-benesseri tiegħi li jgħinuni nagħmel dawk l-affarijiet li rrid nagħmel.***

**Standard 5**

***Jien inħoss li nappartjeni u jien sigur u komdu fl-ambjent tas-servizz tal-organizzazzjoni.***

**Standard 6**

***Jien inħossni sigur u jien niġi mħeġġeġ u ssapportjat biex nagħti l-kummenti u l-ilmenti tiegħi. Jien impenjat fil-proċessi biex jindirizzaw il-kummenti u l-ilmenti, u jittieħdu miżuri xierqa.***

**Standard 7**

***Jien nirċievi kura u servizzi ta' kwalità meta jkolli bżonnhom minn persuni li jafu xogħolhom, huma kapaċi u li jieħdu ħsiebi.***

**Standard 8**

***Jien komdu li l-organizzazzjoni hi mmexxija tajjeb. Jien nieħu sehem fit-titjib tat-twassil tal-kura u tas-servizzi.***




## Tagħrif għall-konsumaturi tas-servizzi tal-kura tal-anzjani, il-familji, il-kerers u r-rappreżentanti tagħhom

Mill-1 ta' Lulju 2019, is-servizz tiegħek ser ikollu juri li qed jissodisfaw l-iStandards tal-Kwalità tal-Kura tal-Anzjani. L-iStandards tal-Kwalità jiddefinixxu b'mod ċar kif għandha tkun il-kura tal-kwalità, u kulħadd għandu jirċievi kura bħal din. Hemm tmien Standards, u kull wieħed minnhom hu dwar aspett tal-kura li tikkontribwixxi għas-sigurtà, is-saħħa u l-benesseri tiegħek. Hemm ukoll Ċarter tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani.

Kull Standard jgħid dak li int, il-konsumatur, tista' tistenni. Il-provveditur tiegħek tal-kura tal-anzjani irid juri kif huma qed jissodisfaw dak ir-riżultat.

## Jekk għandek xi tħassib

Int u l-familja tiegħek għandkom tħossukom komdi li tistgħu tagħmlu mistoqsijiet u tqajmu t-tħassib jekk tħossu li l-kura tiegħek mhijiex tal-livell tal-iStandard.

1. Jekk tista', l-ewwel kellem lill-provveditur biex tirriżolvi t-tħassib tiegħek.
2. Biex tagħmel ilment u tagħti l-kummenti tiegħek dwar il-kura u s-servizzi tiegħek, ikkuntattjana fuq **1800 951 822**.
3. Int tista' tikseb għajnuna minn min jitkellem għalik (avukat). Ikkuntattja lill-Linja Nazzjonali tal-Avukatura tal-Kura tal-Anzjani fuq **1800 700 600**.

Jekk għandek impediment tas-smigħ jew tat-taħdit, int tista' ċċempel is-Servizz Nazzjonali tar-Relay fuq **1800 555 677**.

Is-Servizzi tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar jistgħu jinkisbu billi ċċempel **131 450**.

L-iStandards għandhom x'jaqsmu mal-ħidma flimkien biex naraw li kulħadd jirċievi kura tal-kwalità.

Jistgħu jinkisbu riżorsi addizzjonali fuq il-websajt tal-Kummissjoni:
**agedcarequality.gov.au/consumers/standards/resources**

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**